**INFLUWENZA AH1N1 UPDATE**

Il-kundizzjoni ta' dawk kollha li għandhom l-influwenza AH1N1 qed tkompli titjieb aktar ma jgħaddi ħin. It-tifel Ingliż ta' 4 xhur u nofs li kien jinsab għall-kura fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex, ġie discharged mill-isptar hekk kif il-kundizzjoni tiegħu tjiebet ħafna.

It-Tfajla Ingliża li ġiet identifikata bħala każ pożittiv ta' A H1N1 aktar kmieni wara nofsinhar iddaħħlet l-isptar għall-osservazzjoni aħjar.

Sadattant ftit tal-ħin ilu ġew ikkonfermati 2 persuni oħra bħala pożittivi. Dawn huma 2 żgħażagħ Maltin li rritornaw Malta wara btala f'Ċipru.

B'hekk issa hemm total ta' 18-il persuna li hu stabilit li għandhom l-Influwenza A H1N1.

**DOI - 04.07.09**